**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 3/2018 CFF**

**Daniela Calamatta**

**vs**

**Jean Galea Souchet**

**Illum 20 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' **Daniela Calamatta**, fejn esponiet:

Li tħallas lill-mittenti is-somma ta' sebat elef u erba' u erbgħin ewro u seba' u għoxrin ċenteżmu (7,644.27 ewro) rappreżentanti id-diversi ammonti illi ġew komplessivament imħallsa mill-mittenti għal ħtiġijiet edukattivi ta' uliedkom minuri Jacques u Benjamin aħwa Galea Souchet illi skont l-kuntratt ta' separazzjoni tagħkom ippublikat fit-2 ta' Diċembru 2016, fl-atti tan-Nutar Dottor Rosalyn Aquilina (DOK A) għandhom jitħallsu minnek jew kellhom jiġu imħallsa minnek u mill-mittenti fi kwoti ndaqs bejnietkom skont il-każ iżda li tħallsu mill-

mittenti mingħajr ir-rimborz tiegħek. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Settembru 2017 (DOK B) bl-imgħax legali mid-data tan-notifika sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta ta' **Jean Galea Souchet** fejn espona:

1. Illi l-esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet tal-attriċi kif dedotti fil-konfront tiegħu bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.

2. Illi l-esponenti dejjem aderixxa ruhu mal-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn il-partijiet u esebiet mill-attriċi bħala DOK A b'dan illi għaldaqstant l-ammont mitlub mhuwiex dovut minnu.

3. Illi effetivament sa llum l-esponenti għadu qatt ma rċieva rendikont tal-ispejjeż reklamati mill-attriċi u/jew il-kontijiet jew riċevuti in konnessjoni mal-istess, b'dan illi l-esponenti ħallas kull ammont mitlub u dovut ai termini tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

**Ikkunsidrat:**

**Jean Galea Souchet** qal billi ikkontesta diversi kontijiet li skont l-attriċi huma dovuti. Huwa spjega li kien ħallas xi kontijiet minnhom iżda ma kienx lest iħallas kollox speċjalment il-ħwejjeg tat-tifel li huma mniżżlin bħala uniformi. Illi skont hu, is-sixth form li t-tifel tiegħu qiegħed jattendi m'għandhomx uniformi iżda għandhom dress code. Huwa ma kienx lest li jħallas għal dan it-tip ta' ħwejjeg li skont hu ma kienux uniformi. Huwa diġà jħallas l-uniformi tat-tifel iż-żgħir iżda jara li l-ħwejjeg li nxtraw kienu eċċessiva. Hemm ukoll ħlas tal-lezzjonijiet privati li jingħataw minn ċertu Illaria Groves li jingħata lit-tifel minħabba li kien waqa' lura mill-istudji.

**Illaria Groves** qalet li hija kienet taf lil ġenituri ta' Benji u cioè' bin l-attriċi u l-konvenut. Hija bħala professjoni hija għalliema u tagħti lezzjonijiet tal-privat darbtejn fil-ġimgħa u ilha

tagħmel hekk għal dawn l-ahhar sitt snin. Hija jkollha aktar kuntatt mal-omm milli mal-missier minħabba l-iskola. Kompliet iżżid li kienet iltaqgħet mal-missier sabiex ikun jaf x'qegħda tagħmel mat-tifel bħala għajnuna għal edukazzjoni tiegħu. Illi f'ebda hin ma kien qalilha sabiex tieqaf milli tkompli tagħtih xi lezzjonijiet.

**Daniela Calamatta** xehdet permezz ta' affidavit fejn qalet li kienet iffirmat kuntratt ta' separazzjoni minn mar-raġel tagħha u cioè l-konvenut u fost il-klawżoli li hemm fil-kuntratt hemm l-klawsola numru 15 (ii) u 15 (iii) fejn jistipula ċerti kundizzjonijiet dwar l-obbligi tal-ħlas ta' spejjez li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni. Illi hija kienet batghet lit-tifel tagħha Jacques Galea Souchet sabiex jattendi skola ġewwa l-Ingilterra filwaqt il-ħlas tal-miżati kellhom jitħallsu skont il-kuntratt tas-separazzjoni. Illi apparti minn dan kollu tħallas spejjez oħrajn tat-trasport iżda hi ma kienitx qegħda titlob il-ħlas tagħhom f'dawn il-proċeduri. Illi din il-kawża hija dwar il-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni. Hija kompliet tgħid li d-dress code mhux uniformi u dan skont ma qal il-konvenut fix-xhieda tiegħu fejn skont hi dawn huma obbligatorji u għalkemm għandhom jitqiesu bħala uniformi u dan għaliex dress code hija uniformi. Hija esebiet dokument CD fejn uriet l-ispejjeż tat-tfal li hija għamlet b'diversi riċevuti ta' ħlas fosthom ħwejjeg, spejjez tal-leżjonijiet privati u affarijiet oħrajn.

In kontro-eżami li sar fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 qalet li skont il-kuntratt id-deċiżjonijiet dwar l-edukazzjoni kellhom jittieħdu flimkien. Illi hija qalet li kienet għażlet l-kulleġġ ġewwa l-Ingilterra waħedha flimkien mal-familja tagħha iżda l-konvenut kien sar jaf wara. Illi hija ikkonfermat li parti mill-ħlas li kienet qegħda titlob f'din il-kawża kienu tħallsu mill-konvenuta għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħlas tal-miżati tal-iskola. Hija kompliet tgħid li l-kelma dress code għandha l-istess tifsir għal kelma uniformi bħal ma tintuża hawn Malta u hija kienet ġiet mitluba mill-istess skola liema tip ta' ħwejjeg għandhom jinxtraw. Hi kienet nefqet madwar elfejn u erba' mitt ewro fi ħwejjeg għat-tifel minħabba li kienu talbu il-mod tal-ħwejjeg li għandhom jinġiebu għat-tifel. Meta ġiet mistoqsija x'kienet ir-raġuni għala kienet uriet dawn l-irċevuta xhur wara li kienu inxtraw l-oġġetti hi ma kienitx tiftakar. Hi ma kienitx bagħtet il-lista tal-ispejjeż iżda dejjem kienet tikkomunika tramite l-avukat tagħha. Meta ġiet mistoqsija dwar spejjez partikolari speċjalment fuq ilbies li sar fi żmien tal-gradwazzjoni tat-tifel ta' qabel mar ġewwa l-Ingilterra, hija qalet li kienet qegħda tipprepara x'tixtri l-ħwejjeg għal ġewwa l-kulleġġ. Waqt li spiża oħra li tinsab f'dok H hija dwar bagalja hi ma kienitx taf x'tirrispondi dwar bagalja. Illi rigward dok L u cioè entertainemnt accounts li dan skont hi kien għal użu

ġewwa l-kulleġġ. Waqt għal dak li hemm f'dok J ma kienitx taf ir-raġuni tagħha. Rigward it-tablet din kienet talba mill-istess kulleġġ. L-istess għad-dok I li ma kienitx taf għal liema raġuni. Rigward dok U, it-tifel kellu jattendi għal dan il-privat minħabba problemi li għandu u l-missier kien jaf.

**Jean Galea Souchet** xehed permezz ta' affidavit fejn qal li huwa kien issepara minn ma' Daniel Calamatta fis-sena 2016 u minn dan iż-żwieġ huwa kellu żewġt itfal. Huwa qal li l-ewwel darba li kien ra l-irċevuta tal-ispejjeż kien meta infetħet din il-kawża u dan minħabba l-fatt li ma hemmx komunikazzjoni bejniethom jekk mhux tramite l-avukati tagħhom. Hija dejjem qabdet u ħadet deċiżjonijiet waħedha u wara biss kienet tinfurmah bl-affarijiet li tkun għamlet u dan kontra għal dak li hemm fil-kuntratt. L-attriċi kienet dejjem trid tgħix hajja lussuza anki matul iż-żwieġ u issa wara s-separazzjoni għada tippretendi li tagħmel l-istess u li l-konvenut għandu jagħmel tajjeb. Mis-somma pretiża hemm il-miżati tal-iskola fejn huwa dejjem ħallas dak li kien dovut. Illi mis-somma hekk mitluba jibqa' biss 2169.27 ewro. Illi huwa għamel referenza għal kuntratt ta' separazzjoni fejn skont klawsola 15(iii) l-ispejjeż kellhom jinqasmu nofs bin-nofs għal kotba tal-iskola, uniformi u lezzjonijiet privati. Waqt li fl-istess klawsola 15(vi) tal-kuntratt jispeċifika li f'każ ta' edukazzjoni barra minn Malta, kemm l-ispejjeż li trid tħallas il-mara bis. Ir-raġel għandu jħallas il-manteniment u kontribuzzjonijiet oħra.

Illi skont hu, huwa ħlas dak li kien hemm f'dok C, waqt għal dawk li hemm f'dok D sa K huwa obbligu tal-mara li tħallas u dan minħabba li fejn mar jistudja it-tifel ma kienx hemm bżonn ta' uniformi. Illi skont il-konvenut huwa qatt ma kien jaf x'kienu dawn l-ispejjeż għax qatt ma qaltlu bihom. Illi huwa spjega li minn dawn l-oġġetti kollha huma a karigu tal-mara u mhux tiegħu u waħda mir-raġunijiet hija li casual clothing mhumiex uniformi. L-istess għal dak li huma fid-Dok J li jagħmel referenza għal weekend attire u wkoll mhux uniformi. Waqt li lest iħallas għal hoodie tal-iskola. L-istess jingħad għad dok L dwar spejjez ta' divertiment li mhux dovuti. Għar-rigward ix-xiri tal-IPAD kellu oġġezzjoni għaliha u dan għal fatt li qatt ma ġie konsultat fuqha u lanqas m'għandu obbligu. Waqt li dok N sa Dok T m'għandux oġġezzjoni għalihom. Waqt li għal-lezzjonijiet tal-privat skont hu ma kienx jaf bihom għal dak li hemm f'dok U. Huwa lanqas biss kien jaf fejn kien imur għal privat it-tifel. L-istess għal dak li hemm f'dok V fejn qal li ma hemmx firem fih. Kompla jgħid li anki fejn jidħol spejjez tal-ivvjaġġar hu m'għandux iħallas. Huwa kompla jħallas il-manteniment tat-tifel anki kontra għal dak li hemm fil-klawsola 14 tal-istess kuntratt. Illi in kontro-eżami huwa qal li ma kien għamel xejn biex

iwaqqaf it-tifel milli jmur barra minn Malta jistudja. Qabel is-separazzjoni kien jaf li qiegħed imur għal privat fejn spjega li jekk kien ikun infurmat jaqbel li jħallas.

**Ikkunsidrat**

**Fatti li taw lok ghall-vertenza**

Dan il-każ jirrigwarda talba għal ħlas lura ta' spejjez li skont l-attriċi huma dovuti mill-konvenut. Illi matul il-mori ta' dawn il-proċeduri parti minn din is-somma giet imħallsa mill-istess konvenut fejn giet ridotta ghas-somma ta' 2169.27 ewro. Illi l-istess konvenut żamm ferm li minn dak mitlub ma kienx kollu dovut u għalhekk m'għandux iħallas dak kollu li hija qegħda titlob.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħid l-Artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-partijiet għandhom iressqu l-aħjar prova. Illi għalhekk huwa mistenni li kull parti tressaq dik il-prova neċessarja sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi fuq il-każ u fin-nuqqas ta' impossibilita' li jkun hemm dik il-prova, il-Qorti tista' tħares lejn provi sekondarji. Illi għalhekk huwa neċessarju li tinġieb l-aħjar prova sabiex jiġu stabbiliti l-fatti. Illi l-Qorti tagħmel referenza għal każ deċiż fl-ismijiet **Martina Farrugia et. v. Carmel Farrugia** (Rik. 27/14/1, 26/05/2017), fejn il-Qorti qalet hekk:

> *"illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament in-norma legali li għandha tinġieb l-aħjar prova, in kwantu kellu jirriżultalha li l-atturi naqsu milli jressqu l-aħjar prova illi huma kienu verament qeghdin jattendu kors universitarju full time."* Skond l-intimat, *"l-atturi setgħu ressqu rappreżentant tal-Università ta' Malta sabiex jikkonferma li l-aħwa Farrugia kienu għadhom isegwu kors universitarju qabel ma għalqu t-tlieta u għoxrin sena... Kienu l-atturi li kellhom l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut minnhom, u huma ma tellgħu ebda prova oħra sabiex jikkoroboraw id-dokumenti preżentati minnhom."* Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet dan l-aggravju u qalet hekk:
>
> *"Il-Qorti tirrileva illi għalkemm ebda wieħed mid-dokumenti ma huwa ġuramentat, jibqa' l-fatt li hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturi aħwa*

*Farrugia illi fiha bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw illi huma baqgħu studenti full time wara li għalqu t-18-il sena u indikaw adirittura l-ammont li jippercepixxu fi stipendju ta' kull xahar. Id-dokumenti minnhom ipprezentati jikkonfortaw din ix-xhieda, u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellha provi suffiċjenti sabiex fuq bażi ta' probabbilita` u verosimiljanza tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u din il-Qorti ma tikkonsidrax li jeżistu ċ-ċirkostanzi stabbiliti fil-ġurisprudenza sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill- ewwel Qorti fir-rigward...Il-konklużjoni premessa ssib ukoll konfort fil-fatt li mill-atti jirrizulta li, minkejja diversi differimenti mogħtija lill-konvenut mill-ewwel Qorti sabiex dan iressaq il-provi tiegħu jew jikkontroezamina x-xhieda tal-atturi dan baqa' passiv u ma ressaq ebda prova diretta biex tikkontrasta l-provi tal-atturi, u dan minkejja li fl-udjenza tas-16 ta' April 2015 l-kawża kienet giet differita 'ghall-ahhar darba għal-provi tal-konvenut u jekk jibqa' ma isir xejn il-Qorti ser tgħaddi ghas-sentenza fuq il-provi li għandha.' Għaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat u qed jiġi miċħud"*

Illi wkoll fil-każ **Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.** (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) fejn l-appellanti ikkontestaw numru ta' dokumenti li kienu ġew esebieti:

*"l-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jiġifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawża. ..."*

Illi f'dan il-każ l-attriċi esebiet diversi riċevuti li skont hi huma spejjez li għandu jħallas skont il-kuntratt ta' separazzjoni mill-konvenut. Dawn l-ispejjeż huma skont hi dovuti minħabba l-edukazzjoni tat-tifel. Illi kif diġà ingħad, is-somma reklamata giet ridotta u min-naħa l-oħra l-istess konvenut wera li kien lest iħallas għal dawk li skont hu kienu dovuti meta huwa ta x-xhieda tiegħu. Illi fil-fatt huwa għamel referenza għal dok K u minn Dok N sa dok T fejn huwa kien lest iħallas fejn l-ammont kien jammonta għal 518.01 ewro.

Illi min-naħa l-oħra, l-konvenut ikkontesta dak li kien hemm fil-bqija tad-dokumenti esebieti għajr għal dak li hemm f'dok C li ġew imħallsa fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Illi huwa ikkontesta dok D sa Dok J, kif ukoll dok L, dok M, dok U u dok V. Illi għandu jingħad li mid-dokumenti esebieti u cioè minn dok D sa dok J huma relatati ma' ħwejjeg li ġew mixtrija għal skop ta' attendenza ġewwa l-kulleġġ fl-Ingilterra. Illi però ħareġ li skont il-kuntratt, il-konvenut kellu jħallas l-uniformijiet ghall-iskola. Illi però dawn il-ħwejjeg huma kollha ta' natura casual. Illi min-naħa tal-attriċi dawn il-ħwejjeg huma uniformi għax kienet mitluba mill-iskola fejn saret referenza għal kelma dress code. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-argument li dawn il-ħwejjeg huma uniformi għaliex l-istess kulleġġ għamel referenza għalihom bħala dress code u mhux uniformi. Illi għalhekk in-nefqa għal dawn il-ħwejjeg ma jinkwadraw f'dak li hemm fil-kuntratt għal dak li jrid iħallas il-konvenut. Illi għalhekk l-irċevuti li jinsabu f'dok D sa dok J kif ukoll dok L mhux dovuti.

Illi għalhekk jibqa' tlett riċevuti u cioè dok U u Dok V li huma ħlas għal lezzjonijiet privati kif ukoll dok M li huwa xiri ta' ipad. Illi dok U juri li hemm ħlas ta' 460 ewro għal privat. Illi l-konvenut prova jagħti x'jifhem li ma kienx jaf bihom u cioè' dawn il-lezzjonijiet. Illi però ħareġ li dawn il-lezzjonijiet tal-privat kienu jingħataw anki fiż-żmien meta kien għadu mhux isseparat. Illi għalhekk dan l-ammont huwa dovut. Illi però ma jistax ma jinghadx l-istess għal dok V fejn ma' hemm spjegazzjoni ta' x'inhuma dawn u għal min. Illi għalhekk fin -nuqqas ta' prova tagħha, din il-Qorti ma tarax li huma dovuti wkoll.

Illi jibqa' jekk dok M u cioè' l-IPAD kellhiex tkun imħallsa mill-stess konvenut. Illi kont il-kuntratt fi klawsola 15(vi)din l-IPAD ma tinkwadrax li għandha tkun parti mill-istess spejjez u għalhekk dan l-ammont mhux dovut.

Illi għalhekk peress illi l-konvenut iddikjara li kien lest iħallas is-somma ta' ħames mija u tmintax-il Ewro u ċenteżmu (€518.01), l-Qorti sejra tiddikjara li dawn huma dovuti minnu, kif ukoll l-ammont ta' erba' mija u sittin Ewro (€460) dikjarati għall-privat kif jidher minn Dok U eżebit.

**Decide:**

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi tiddikjara li l-konvenut Jean Galea Souchet għandu jħallas is-somma komplessiva ta' disa' mija tmienja u sebgħin

Ewro u ċenteżmu (€978.01) lill-attrici Daniela Calamatta kif spjegat hawn fuq, bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

Kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha relatati ma' din il-kawża, u l-ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Settembru 2017 jibqgħu a karigu ta' l-attriċi Daniela Calamatta l-attriċi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**